KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## ID-DISA' (9) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tmienja (8)***

***It-Tnejn, 13 ta' Jannar, 2025***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' għal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 8 fil-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm)

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | KARL BOXALL |
| IL-VICI SINDKU | BRIAN XUEREB |
| IL-KUNSILLIER | STEPHEN ATTARD |
| IL-KUNSILLIER | STEVEN AXISA |
| IL-KUNSILLIERA | CHRISTINE DALLI (attendiet b'mod virtwali) |
| Il-KUNSILLIER | JESMOND MANICOLO |
| IL-KUNSILLIERA | NAOMI MIZZI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**PUBBLIKU:**

Ħadd

**MINUTI**

Is-Sindku Karl Boxall ippressjeda il-laqgħa.

**8.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji**

Ma tressqu ebda ittri ta' apoloġiji.

**8.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

8.2.1 Tressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 7 li nżammet nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2024.

8.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 8 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

8.2.3 **Mozzjoni Numru 8-01** : Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill numru 7

Proponent: Il-Viċi Sindku Brian Xuereb

Sekondant: Il-Kunsillier Stephen Attard

Il-Minuti Numru 7 ġew approvati unanimament.

**8.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda tal-Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 08(09) – Jannar 2025***

8.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 08(09) permezz ta' *bank transfers* b'referenza numru 11661 sa 11706 kif ukoll cheque bin-numri 7255 sa 7257 li jammontaw €68,933.42

8.3.2 L-iskeda tal-Pagamenti tqassmet minn qabel u għaldaqstant unanimament ġiet ikkunsidrata bħala moqrija.

8.3.3 **Mozzjoni 08-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 08(09)

Proponent: Il-Kunsillier Steven Axisa

Sekondant: Il-Kunsilliera Naomi Mizzi

L-iskeda ta' pagamenti numru 08(09) ġiet approvata mill-membri preżenti.

**8.4 Approvazzjoni tal-Performance tal-Ħaddiema Klerikali tal-Kunsill għas-sena 2024**

8.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill il-Performance Appraisals taż-żewġ impjegati tal-Kunsill.

8.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-istaff tal-Kunsill għal sena oħra reġgħu laħqu l-aspettativi fil-xogħol amministrattiv tagħhom u għaldaqstant qed tipproponi li jingħataw il-massimu tal-Performance Bonus kif ingħataw fis-snin preċedenti.

8.4.3 Għaldaqstant is-Sindku Karl Boxall propona li l-istaff tal-Kunsill jingħataw 6% bħala performance bonus għas-sena 2023 rispettivament. Din il-proposta ġiet approvata unanimament.

**8.5 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2024**

8.5.1 Is-Sindku Karl Boxall qal li s-Segretarju Eżekuttiv Fiona Cutajar hija persuna ta' integrita' u responsabbilita' kbira fix-xogħol tagħha u dejjem tat servizz eċċellenti u gwida tajba hafna lill-membri kollha tal-Kunsill u l-istaff tagħha.

8.5.2 Għaldaqstant is-Sindku Karl Boxall ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata il-massimu li jammonta għal 10% bħala Performance Bonus għas-sena 2024. Il-Kunsill approva unanimament.

**8.6 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

8.6.1 Is-Sindku Karl Boxall qal li għandu proposta ġdida dwar il-magna tal-BCRS fejn il-kumpanija kkonfermat li tista' tgħaddilna magna. Bħala żona qed jiġi propost fi Triq il-Bwar fejn għadha kif twaħħlet il-Bring-in-Site jew żona oħra tista' tkun fejn il-ground fi Triq il-Barbazzal. Wara diskussjoni dwar dan, minħabba l-inkonvenjenza li l-magna tista' toħloq lir-residenti minħabba l-ħoss kontinwu, il-Kunsill qabel li jindika dawn iż-żewġ żoni, iżda l-Kunsilliera Christine Dalli ma qablitx.

8.6.2 Is-Sindku Karl Boxall qal li għada se jkun qiegħed jgħaddi l-flus tad-donazzjonijiet li nġabru għal Puttinu waqt l-attivita' tal-Ħeluween u stieden lil membri tal-Kunsill biex min jixtieq jattendi.

8.6.3 Is-Sindku Karl Boxall qal li kien avviċinat mill-Klabb tal-Boċċi fejn qed iressqu talba sabiex isiru attivitajiet fuq barra għal diversi ġimgħat konsekuttivi. Il-Kunsillier Steven Axisa qal li jiddependi x'attivitajiet se jkunu qed isiru fuq barra filwaqt li l-Kunsilliera Naomi Mizzi qalet li fl-opinjoni tagħha l-permess għandu jinħareġ ġimgħa ġimgħa u kull ġimgħa jagħtuna d-dettalji ta' x'attivita' se tkun qed issir. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

8.6.4 Is-Sindku Karl Boxall ressaq talba sabiex issir Communal disabled Parking fi Triq il-Qattus. Dwar dan il-Kunsill qabel.

8.6.5 Is-Sindku Karl Boxall fakkar li fl-24 ta' Jannar se ssir il-ħarġa għall-anzjani.

8.6.6 Is-Sindku Karl Boxall tkellem dwar il-pjanijiet għall-attivitajiet ta' Jum Ħal Għaxaq, fejn ġie propost li jibqa' jsir it-Tberik tal-Annimali il-Ħadd, filwaqt li l-Ġimgħa issir il-Quddiesa, u wara issir Ċerimonja bir-riċeviment. Il-Vici Sindku Brian Xuereb ppropona li s-Sibt issir attivita' għal familja bħal Sports Day filwaqt li filgħaxija jsir il-Food Festival. Il-Kunsilliera Christine Dalli xtaqet li tagħmel proġett fejn it-Telephone Box li hemm fejn il-Kunsill issir Librerija u tiġi inawgurata dakinhar ta' Jum Ħal Għaxaq. Il-Kunsillier Steven Axisa qal li għandna nibdew naraw ftit ir-Regolamenti għal-Ġieħ Ħal Għaxaq biex nibdew noħorġu is-sejħa għan-nominazzjonijiet. Aktar ideat li ssemmew kienu *show* mill-korp tal-Pulizija, wirja tal-karozzi u l-Blood Donation Unit.

## 8.7 Korrispondenza

8.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tat-Tender tat-Turretta fejn l-orħos offerta kienet ta' Vaults għal prezz ta' €44,716.58. Il-Kunsill approva unanimament li jagħżel l-orħos offerta dik ta' Vaults Co.Ltd.

8.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tkellmet dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja tal-Kunsill għal din is-sena, fejn kien hemm żieda fil-fond għall-amministrazzjoni. Iżda kif ġara f'kull Kunsill ieħor kien hemm tnaqqis mill-fond li kien allokat għat-tipping fees u dan għaliex mhux se jibqgħu jiġu mħallsa mill-Kunsill.

8.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza mingħand ir-Reġjun dwar jekk il-Kunsill hux se jkun qed jissieħeb fit-tender reġjonali għad-dawl tat-toroq. Il-Kunsill qabel li jiddeċiedi dan sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

8.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li s-Segretarju tal-Għaqda Mużikali San Gużepp talab laqgħa mal-Kunsill rigward il-proġett tal-Pjazza. Il-Kunsill qabel li għalissa l-proġett għadu fi stat bikri u għaldaqstant qabel jibdew isiru d-diskussjonijiet, issir laqgħa mal-għaqdiet rispettivi.

8.7.5. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Proġett ta' Ġnien 2000 se jkuun qed jinbeda dalwaqt mill-ħaddiema tal-Public Works filwaqt li l-Proġett tal-Pjazza ta' Vjal Kulħadd ġie konfermat li se jsir is-sena d-dieħla.

## 8.8 Karnival 2025

8.8.1 Is-Sindku Karl Boxall qal li se jkun qed ikellem lill-Ivan Gaffiero, Julie Pomorski u Joe Demicoli sabiex jippreżentaw is-serati tal-Karnival.

8.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li għas-sotto kumitat tal-Karnival kellna 7 persuni interessati. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li ssir l-ewwel laqgħa nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar fis-6pm biex jibdew jiġu diskussi xi punti dwar l-organizzazzjoni tal-Karnival.

**8.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

8.9.1 Il-Kunsillier Stephen Attard ppropona sistema ta' Traffic Management ġdida li ġiet diskussa ukoll ma xi membri oħra tal-Kunsill fejn qed jiġi propost li Triq il-Miksur tiġi toħroġ biss u jitwaħħlu żewġ tabelli tan-No Entry. Dwar dan il-Kunsill qabel unanimament.

8.9.2 Il-Kunsillier Stephen Attard propona ukoll li Triq il-Qattus issir one way min-naħa ta' Triq it-Tumbarellu lejn il-Housing Estate. Dwar din il-proposta, il-Kunsill qabel unanimament.

8.9.3 Il-Vici Sindku Brian Xuereb ressaq ilment rigward il-ħasil tal-vannijiet fit-triq lejn il-Housing Estate. Is-Sindku Karl Boxall qal li bħal dawn l-ilmenti għandhom jiġu mgħoddija mill-ewwel lill-pulizija biex ikunu jistgħu jintervjenu mill-ewwel fuq il-post.

8.9.4 Il-Kunsillier Stephen Attard qal li jixtieq li meta ssir il-Laqgħa mal-Community Police huwa jkun preżenti.

8.9.5 Il-Vici Sindku Brian Xuereb ppropona li ma jibqgħux jiġu printjati l-karti kollha għax id-dokumenti kulħadd għandu soft copy tagħhom.

**8.10 Mozzjonijiet**

8.10.1 Annessi mal-Minuti

**8.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

8.11.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Ħamis 6 ta' Frar 2025 fil-5.00pm.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8:30pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Eżekuttiv

________________________
ikkonfermati
Karl Boxall
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 8**

**Mozzjoni Ref:** 8-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 7

| | |
|---|---|
| **Brian Xuereb**<br>**Proponent** | **Stephen Attard**<br>**Sekondant** |

**Data:** 13 ta' Jannar 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 8**

**Mozzjoni Ref:** 8-02

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 08(09)

| | |
|---|---|
| **Steven Axisa**<br>**Proponent** | **Naomi Mizzi**<br>**Sekondant** |

**Data:** 13 ta' Jannar 2025

Fiona Cutajar
**Segretarju Eżekuttiv**